MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1626/1996/1

**Collin Smith u Bernd Smith**

**Vs**

**Peter Muscat Scerri**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-17 ta' Mejju 1996 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fis-6 ta' Mejju 1995 tlett iklieb (zewg Alsations u Labrador) proprjeta` tal-konvenut attakkaw u qatlu zewgt iklieb (Yorkshire Terriers) proprjeta` ta' l-atturi;

Premess illi b' rizultat ta' dan l-incident l-atturi sofrew danni, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-konvenut, bhala sid iz-zewg Alsations u l-Labrador, hu responsabbli ghal dawn id-danni sofferti mill-atturi;

Premess illi interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas ta’ dawn id-danni l-konvenut baqa’ inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut bhala s-sid taz-zewg Alsations u l-Labrador fuq imsemmija huwa unikament responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi meta l-istess klieb qatlu zewg Yorkshire Terriers proprjeta` ta‘ l-atturi fis-6 ta’ Mejju 1995;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja tat-2 ta’ Gunju 1995 u bl-imghax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi, u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijietipprezentata fis-27 ta’ Novembru 1996 mill-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-klieb ta’ l-eccipjent ma qatlux dawk ta’ l-atturi;

2. Salv, jekk ikun il-kaz eccezzjonijet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-8 ta' Ottubru 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' x-xhieda u l-kontro-ezamijiet;

Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Huwa ovvju mill-qari tac-citazzjoni illi l-azzjoni proposta mill-atturi hija bazata fuq l-Artikolu 1040 tal-Kodici Civili li jipprovdi hekk:-

"Is-sid ta' annimal, jew il-persuna li taghmel uzu minn annimal ghaz-zmien li taghmel uzu minnu, iwiegbu ghall-hsara li dak l-annimal jikkaguna, sew jekk ikun jinsab taht idejhom kemm jekk ikun intilef jew harab."

Minn dan id-dispost tal-ligi huwa ben car illi biex l-atturi jirnexxu fl-azzjoni taghhom iridu jipprovaw:-

(a) id-dannu;
(b) li d-dannu gie kagunat minn annimal;
(c) li l-konvenut kien sid l-annimal jew kellu l-affidament tieghu fil-mument li sehh id-dannu;

Fil-kumment taghha ghall-Artikolu 2052 tal-Kodici Civili Taljan (korrispondenti ghal dak taghna, bl-aggunta "*salvo*

*che provi il caso fortuito*”), il-Qorti tal-Kassazzjoni spjegat il-materja billi rriteniet illi “*la responsabilita` in esame ricorre tutte le volte che il danno sia stato prodotto, con diretto nesso causale, da un fatto proprio dell' animale ‘secundum o contra naturam’, comprendendosi in tale concetto qualsiasi atto o moto dell' animale a prescindere dall' agire dell' uomo*” (C 79/778; C77/261). “*Si ha responsabilita` anche quando un animale arrechi danno ad un' altro animale*” (C63/1188);

Kif rakkolt minn xi decizjonijiet fuq is-suggett il-gurisprudenza taghna hi linejari mal-hsieb tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana anke jekk kif inghad il-ligi taghna, kuntrarjament ghal dik Taljana, ma ssemmix *expressis* id-difiza tal-kaz fortuwitu;

Jinghad a propositu fis-sentenza fl-ismijiet “**Francesco Zammit –vs- Michele Axisa**”, Prim' Awla, Qorti Civili, 17 ta' Marzu 1921 (**Vol. XXIV P II p 536**) dan li gej:-

“*Che in legge contro il proprietario di un animale, come contro colui che si serve di un animale, milita una presunzione di colpa nei riguardi della responsabilita` del danno cagionato o provocato dall' animale (Giorgi, Obblig. Vol. V No. 387). Tuttavia non si tratta di una responsabilita` tale che avvenuto il danno questo debba in ogni caso imprescindibilmente essere risarcito dal proprietario dell' animale o da colui che se sia servito. Gli e` vero che come ebbe a ritenere tanto questa Corte (Collez XV p 481) quanto la Corte di Appello (Collez Vol XIX P I p 147), tale responsabilita` e` assoluta nel senso che si contrae anche quando non sia intervenuta colpa da parte del proprietario dell' animale o di colui che se ne sia servito; ma al dire del Giorgi, con altri concordanti citati nelle sentenze di questi Tribunali, la presunzione suddetta non e` ‘juris et de jure’ e ammetta la prova liberatoria; sia dimostrando il fortuito o la forza maggiore, sia provando la colpa o l' imprudenza dell' offeso che si pareggia ad un evento di forza maggiore*.”;

Dan l-insenjament, li sposta ruhu ghal kollox minn dak l-iehor deciz fis-sentenza a Vol. XVII P II p 75, gie aktar tard konsegwit mill-gurisprudenza aktar recenti kif manifest fid-decizjonijiet fl-ismijiet "**Paolo Mallia –vs- Annetto Xuereb Montebello**", Appell Civili, 10 ta' Jannar 1964 u "**Avv. Dottor Anthony Farrugia *nomine* –vs- Carmelo Calleja**", Appell Civili, 28 ta' Frar 1969. Fiz-zewg kazijiet gie ribadit il-kuncett illi "l-htija tal-proprjetarju ta' annimal hi presunta pero` din hi presunzjoni '*juris tantum*' u mhux '*juris et de jure*'";

Gie ritenut, ghal dik li hi prova liberatorja, illi l-konvenut jehtieglu jfornixxi l-prova tal-kaz fortuwitu biex jisottragga ruhu mir-responsabilita`. Prova din "*costuito da un fattore esterno, che puo` consistere anche nel fatto del terzo, o nella colpa del danneggiato, ma che deve comunque presentare i caratteri dell' imprevedibilita`, inevitabilita` e assoluta eccezzionalita`." (Cassazione 98/12307 u 01/4742);*

Dan fuq premess jinhtieg li jigi ezaminat u deciz jekk fil-kaz prezenti jokkorrux l-enuncjazzjonijiet fuq affermati u sa fejn il-parti l-wahda jew l- ohra rnexxielha tipprova l-azzjoni jew id-difiza taghha;

Brevement ri-epilogati l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:-

I. L-attur Collin Smith jghid li kif jaghmel gjornalment huwa hareg dawra biz-zewgt iklieb tieghu tar-razza Yorkshire Terriers. Improvvizament gie konfrontat minn tliet iklieb: zewg Alsations u Labrador, li aggredew lill-klieb tieghu. Wiehed mill-Alsations qabad wiehed mill-klieb tieghu f'halqu. L-iehor ghalkemm ipprova jiskansah gie aggredit mill-Alsation l-iehor. Iz-zewgt iklieb mietulu kawza ta' griehi u xokk qawwi;

II. Ix-xhieda mill-attur prodotti u cjoe John Meli (fol 81), Charles Galea (fol. 80) u Joseph Galea (fol. 86) li assistew ghal dan l-incident filwaqt li bhall-attur

ikkonfermaw li l-klieb ta’ l-attur kienu “*on lead*” mentri l-ohrajn ma kinux, ikkorroboraw fid-dettal il-versjoni ta’ l-attur tal-fatti li ssuccedew;

III. Bl-oppost, il-konvenut (fol. 66) li ma kienx prezenti fil-mument ta’ l-incident, u Doreen Mizzi (fol. 63) jsostnu li l-klieb ta’ l-attur ma kinux marbutin u kienu dawn li pprovokaw il-klieb ta’ l-istess konvenut. Din l-ahhar imsemmija xhud tikkonferma li wiehed mill-klieb taghhom qabad wahda mill-klieb ta’ l-attur f’ halqu izda skond hi dan ghamlu biex idahhalha gewwa ha jilghab maghha. Tikkonferma pero` li l-kelb ta’ l-attur li hi pprovat tillibera minn halq l-Alsation miet b’ rizultat ta’ dan l-attakk fuqu;

IV. Minn dak rakkontat minn PS 441 Louis Micallef (fol. 99) fil-versjoni lilu moghtija *a tempo debito* mill-konvenut intqal li l-klieb tieghu harbu mid-dar meta l-mara fethet il-*gate* biex tohrog iz-zibel;

Minn dak kaptat minn dawn il-provi hu aktar minn ovvju illi d-difiza centrali tal-konvenut hi li hu ghandu jigi skagjonat minn kull responsabilita` billi fil-fattispeci jirrikorri l-fatt ta’ l-attur li kien negligenti meta hareg il-klieb bla cinga. Abbinat ma’ dan hemm, skond il-konvenut, il-fatt li l-klieb tieghu ma humiex aggressivi. Kien ghal dan il-fini li huwa pproduca z-zewg veterinarji Dr. Mauro Buttigieg (fol. 122) – aktar tard din ix-xhieda giet sfilzata b’digriet tal-Qorti (fol. 149) – u Dr. Anthony Gruppetta (fol. 125) biex jiddemostraw in sostenn il-karattru tal-klieb tieghu;

Fil-fehma ta’ din il-Qorti ebda htija ta’ l-attur danneggjat ma tista’ tigi ravvisata fil-kaz in ezami. Kuntrarjament ghal dak allegat l-attur jidher li agixxa korretement u bhala persuna responsabbli billi ha l-prekawzjonijiet mehtiega biex izomm il-klieb tieghu “*on lead*”. Dan kif kien imdorri jaghmel fil-Germanja fejn kien jghix qabel ma gie Malta. Fi kliemu stess “kienet haga kwazi istintiva li norbot il-klieb meta kont nohroghom”;

Il-Qorti ma tistax ma taccettax din l-istqarrija biex taghzel invece dik tal-konvenut jew ta’ Doreen Mizzi;

Tali konkluzjoni hi msahha minn dawn l-osservazzjonijiet:-

(i) Ix-xhieda ta’ Doreen Mizzi ma kinitx wahda konsistenti. Fl-Affidavit taghha titlaq mill-posizzjoni kategorika u certa illi “kieku l-Yorkshire Terriers kienu bic-cinga dan l-incident ma kienx jinqala’.” Aktar tard pero` in kontro-ezami (fol. 109) tafferma li ma tiftakarx jekk il-klieb ta’ l-attur kienux *on leash* anke jekk zieded tghid li “pero` ma jidhirlix li kienu”.

Ghall-Qorti din l-inkonsistenza jew nuqqas ta’ koerenza ddghajjef flok issahhah il-posizzjoni tal-konvenut u anki tirrendiha anqas kredibbli;

(ii) Kif gja fuq manifest il-versjoni ta’ l-attur hi korroborata minn xhieda estranei li lkoll jaghtu fidi lil din l-istess versjoni. B’mod partikolari dan jaghmlu Joseph Galea (fol. 86) meta stqarr hekk: *“I can say with certainty that on the day of the incident plaintiff’s dogs were on a lead and I know this because while they were being attacked he was trying to pull them back with the same lead*” (fol. 87);

Mill-kumpless tal-provi okulari u dawk indizzjarji din il-Qorti hi sodisfatta li kienu l-klieb tal-konvenut li kkagunaw id-dannu u li inoltre l-konvenut ma rnexxielux jezonera ruhu mir-responsabilita` li l-ligi stess timputalu. Kuntrarjament ghal dak rilevat mill-konvenut il-Qorti ma rriskontrat l-ebda addebitu ta’ htija fl-attur. Il-kaz fortuwitu ma tqajjimx bhala difiza skagonatrici. Pero` anke kieku dan hekk sar u giet sollevata in linea ta’ eccezzjoni, din l-istess ma tirrizultax mill-atti processwali. Dippju, u f’ kull kaz, ghall-fatti in ispecie kien certament isib applikabilita` t-taghlim traccjat f’ bosta sentenzi illi l-kaz fortuwitu ma jehlisx mir-responsabilita` ghad-danni jekk ikun precedut minn htija ta’ min ikkaguna d-dannu jew ta lok ghalih (**Vol. XXX P II p 142**);

Ma jidhirx li d-danni mitluba mill-attur gew b’ xi mod kontestati u ghalhekk din il-Qorti, anke ghaliex l-ammont

reklamat ma jidhirx esorbitanti jew esagerat, ser tghaddi biex taccetta, u b' hekk takkolji, fit-totalita` tieghu l-ammont dettaljat u spjegat mill-attur fl-Affidavit tieghu (fol. 20).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja r-rigett ta' l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici billi fl-ewwel lok tiddikjara illi *qua* sid il-klieb li aggredew u qatlu l-klieb ta' l-atturi fl-incident tas-6 ta' Mejju 1995 il-konvenut hu responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi;

Tilqa' t-tieni domanda billi tillikwida d-danni subiti fl-ammont ta' tmien mija u disgha u sebghin lira Maltija (Lm879);

Fl-ahharnett tilqa' wkoll it-tielet domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma hekk likwidata in linea ta' danni, bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------